MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2005

Numru. 55/2004

**Il-Pulizija**

**Spettur Maurice Curmi**

**Vs**

**PASCHALINO CEFAI**

**Seduta ta' llum 20 ta' Ottubru, 2005**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PASCHALINO CEFAI** ta' 24 sena, bin il-mejjet Joseph u Theresa nee` Saliba, imwieled Attard, Malta fit-13 ta' Dicembru, 1979 u joqghod 24 Triq il-Madonna tac-Cicri, Zebbug, Ghawdex, detentur tal-karta ta' l-identita` numru 52480(M) gie imressaq il-Qorti u akkuzat talli fit-13 ta' Mejju, 2004 bil-hsieb li jaghmel hsara

lil PC 1115 Jimmy Attard u lil PC 1371 Alfred Grech, akkuzahom quddiem awtorita` kompetenti u cioe` quddiem il-Magistrat Consuelo Pilar Scerri Herrera fil-Qorti tal-Magistrati ta’ Ghawdex illi nhar it-30 ta’ Lulju, 2003 waqt li kien arrestat l-Ghassa tar-Rabat, Ghawdex, qalulu biex ma jaghtix kas ghal dak li kien qed jordnalu s-Surgent 187 Mario Cassar u biex imur ghax-xoghol;

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi hawn fuq imsemmija ta xhieda falza fi proceduri kriminali.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar it-28 ta’ Marzu, 2005 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat ukoll li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi deciz minn din il-Qorti kif verbalizzat minnu nhar il-21 ta’ Lulju, 2005 a fol. 54.

Semghet ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni u lil Dr. Kevin Mompalao prodott mid-difiza.

Ikkunsidrat

Illi nhar is-26 ta’ Frar, 2005 xehed l-Ispettur Maurice Curmi u spjega li f’Awissu tas-sena 2004 il-Kummissarju tal-Pulizija kien ircieva ittra anonima fejn saret referenza ghal dak li kien xehed l-imputat il-Qorti f’seduta li kellu nhar it-13 ta’ Mejju, 2004 u appuntu meta f’xi hin kien stqarr li kien hemm zewg ufficjali tal-Korp, certu Fredu tas-*C.I.D.* u Jimmy tat-*Traffic Division* u dawn qalulu biex ma jaghtix kaz is-Surgent PS 187 meta kien qallu biex joqghod l-ghassa u kien allega li dawn iz-zewg ufficjali qalulu biex jitlaq ‘l hemm.

Spjega illi in segwitu ta’ din l-allegazzjoni maghmula fl-ittra anonima, iz-zewg ufficjali tal-Pulizija u cioe` Fredu tas-*C.I.D.* u Jimmy tat-*Traffic* gew investigati mill-Ispettur li jiehu hsieb *Internal Affairs*, u dan ikkonkluda li l-imputat kien xehed il-falz u ghalhekk kien istitwixxa l-kawza odjerna kontra l-imputat stess.

Illi nhar l-20 ta' Novembru, 2004 huwa kien baghat ghall-imputat u investigah f'dan ir-rigward. L-imputat irrilaxxja Stqarrija li giet immarkata bhala Dok. MC u din tinsab esebita fl-atti a fol. 15.

Illi minn ezami ta' l-Istqarrija jirrizulta li meta huwa staqsih jekk kienx minnu dak li kien qal fis-seduta tat-13 ta' Mejju, 2004 il-Qorti fil-konfront taz-zewg ufficjali msemmija, huwa wiegeb li ma jiftakarx x'kien gara, ghalkemm ikkonferma li qal dejjem il-verita` jghid u qatt ma qal xejn hazin.

Huwa esebixxa wkoll waqt ix-xhieda tieghu, ix-xhieda li kien ta l-imputat il-Qorti dak in-nhar tat-13 ta' Mejju, 2004 li giet immarkata bhala Dok. MC2 a fol. 35. Minn ezami ta' din ix-xhieda jirrizulta li l-imputat kien stqarr li kien hemm hafna Pulizija waqt li kien l-Ghassa li qalulu biex jitlaq 'l hemm nonostante li PS 187 kien tah ordni biex jibqa' hemm.

PS 187 Mario Cassar xehed nhar l-24 ta' Frar, 2005 u kkonferma li kien baghat ghall-imputat odjern peress illi kien qed jinvestiga rapport fuq hsara volontarja fuq vettura u bhala *suspect* gie indikat l-imputat. In effett jispjega li l-imputat wasal l-Ghassa u huwa qallu li kien qieghed taht arrest u ma setax jitlaq. Dan nonostante qallu li kien ser jitlaq u hekk ghamel.

PS 1115 John Mary Attard xehed nhar l-24 ta' Frar, 2005 u qal li kien hu li mar jghid lill-imputat jinzel l-Ghassa ghaliex xtaq ikellmu PS 187 u li fil-fatt l-imputat ghazel li jinzel sa l-Ghassa bil-vettura tieghu. Sostna li l-imputat wasal l-Ghassa qablu u semghu jitkellem mas-Surgent u jghidlu ghalfejn ser tarrestani. Ikkonferma li fl-ebda hin ma qal lill-im,putat biex jitlaq u ma jaghix kaz is-Surgent. Mistoqsi jekk kellimx lill-imputat huwa wiegeb li qaghad barra u rah jaghmel idejh wara u jghid lis-Surgent 'Ghalfejn ha tarrestani?' Huwa kkonferma wkoll li kien gie investigat mill-Kwartieri Generali tal-Pulizija.

PC 330 Emanuel Schembri xehed nhar l-24 ta' Frar, 2005 u spjega li huwa kien akkompanja lil PC 1115 meta marru jigbru lill-imputat ghax ried ikellmu s-Surgent. Ikkonferma

li l-imputat nizel l-Ghassa ghal rasu bil-van tieghu u li wasal qabilhom. Mistoqsi jekk waqt li kien l-Ghassa tkellimx ma' l-imputat, ix-xhud wiegeb fin-negattiv.

<u>PC 1371 Alfred Grech</u> xehed fl-istess seduta tal-24 ta' Frar, 2005 u qal illi dak in-nhar meta l-imputat nizel l-Ghassa ghax baghat ghalih PS 187 huwa kien l-Ghassa ghalkemm fuq il-parapett. Jghid li f'xi hin sema' lill-imputat jghid lil PS 187 b'vuci gholja li jekk mhux ser ighidlu fuq x'hiex kien arrestat kien ser jitlaq 'l hemm.

Ikkonferma li fl-ebda hin ma sema' xi Pulizija jghid lill-imputat biex jitlaq minn fuq il-post, anzi qal li qabel ma l-imputat telaq 'l hemm huwa qallu 'Isma' mis-Surgent u ara x'ghandu xi jghidlek ghax ha ggib il-gebla fuq saqajk'. Fil-fatt skond ix-xhud l-imputat "warrbu, imbuttah u baqa' sejjer'.

Illi l-imputat ma xehedx f'dawn il-proceduri u ghalhekk il-Qorti tigi rinfaccjata biss bil-provi kif prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti tinnota illi l-imputat gie akkuzat fl-ewwel lok bir-reat ta' kalunja kif dispost fl-artikolu 101 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Joseph Seychell*** deciza nhar s-17 ta' Ottubru, 1997 gie deciz 'L-akkuza jew denunzja, ghall-finijiet tal-kalunja, ma tirrikjedi ebda formalita` partikolari, l-unika haga li hi rikjesta hi li dik l-akkuza jew denunzja ssir quddiem awtorita` kompetenti, jigifieri awtorita` li ghandha s-setgha li tipprocedi biex tinvestiga u eventwalment tressaq il-Qorti jew tghaddi l-kaz lil haddiehor biex dan eventwalment iressaq il-Qorti lil dik il-persuna li tkun allegatament ikkommettiet dak ir-reat.

Kif gie ritenut mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. George Borg*** deciza nhar il-5 ta' Frar, 1998 meta saret referenza ghas-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Mary Dale*** deciza fis-27 ta' Novembru,

1942 ghall-elementi li jaghtu lok ghar-reat ta' kalunja u cioe`:

'(1) l-intenzjoni li wiehed jaghmel hsara lill-persuna denunzjata, (2) l-akkuza quddiem l-awtorita` kompetenti, u (3) li dik l-akkuza tkun tirreferi ghall-kommissjoni ta' reat li ghalih id-denunzjat ikun jaf li d-denunzjat huwa innocenti (ara wkoll ***Rex v. Caterina Debono***, 12/11/19 u ***Il-Pulizija v. Violet Smith***, App. Krim., 7/6/52). Kif jispjega Sir Anthony Mamo, fl-appunti tieghu, arigward tal-elementi formali ta' dan ir-reat.

*The acuser who gives the information or makes the report or complaint to the competent authority against another person may have grounds for believing or at least suspecting him to be guilty of the offence charged. Notwithstanding that the evidence may subsequently disclose and establish the innocence of the accused, the law could not reasonably punish the accuser who would not have acted from malice and would have merely used and not abused a right which is competent to him* (p. 62).

*The knowledge on the part of the informer or complainant of the innocence of the person to whose charge the information is laid or the complaint made must be certain so that it can be said that he deliberately and maliciously made the false imputation* (p. 64).'

Issa f'dan il-kaz ma sar xejn minn dan ghaliex l-imputat fl-ebda hin ma iddenunzja xi reat lil xi awtorita` kompetenti izda kull ma ghamel hu li xehed fi proceduri kriminali.

Illi ghalhekk din il-Qorti tiddikjara li ma tistax issibu hati ta' din l-akkuza ta' kalunja.

Dwar it-tieni akkuza u cioe` li l-imputat xehed il-falz *ai termini* ta' l-artikolu 104(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali nhar l-20 ta' Marzu, 1998 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Joseph Pico*** u dan ghaliex huwa mportanti li jigi rilevat li jekk ix-xhieda falza li allegatament inghatat mill-imputat kienet f'kumpilazzjoni jew f'kawza

sommarja, u dan ghaliex fil-fehma tal-Qorti l-kumpilazzjoni mhix procedura kriminali li hi koperta bid-dispozizzjoni ta' l-artikolu 104(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'dik is-sentenza 'il fuq citata ta' Joseph Pico saret referenza ghall-artikolu 104(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u gie rilevat li l-espressjoni proceduri kriminali fl-artikolu 104 tal-Kap. 9 ma jikkomprendux il-kumpilazzjoni. Gie ritenut li:

"……… li originarjament, fil-"Leggi Criminali per l'Isola di Malta e sue Dipendenze", promulgati bl-Order in Council ta' l-1854, l-artikolu f'dawk il-Leggi li kien jikkorrispondi ghall-104(1) citat kien il-95. Dan kien ighid:-

"Chiunque prestasse falsa testimonianza in una causa di un reato ……"

Il-frazi "causa di un reato" tfisser kawza kriminali, cioe` procediment kontenzjuz li jigi konkjuz b'decizjoni mill-gudikant dwar htija o meno. Il-kumpilazzjoni mhijiex procediment tali. Il-Qorti Istruttorja ma tiddeciedi xejn dwar htija jew le ta' l-imputat, izda semplicement tikkompila l-provi ghall-kawza li talvolta eventwalment tigi trattata quddiem il-Qorti Kriminali. Jigifieri l-"causa" fl-artikolu 95 tal-Ligiiet Kriminali ta' l-1854 ma kienetx tikkomprendi l-kumpilazzjoni.

Minn dik is-sena 'l hawn gew mahtura diversi Kummissjonijiet bl-inkarigu li jirrivedu l-ligijiet. Dawn il-Kummissjonijiet kellhom numru ta' setghat, bhal per ezempju li jibdlu l-ordni ta' l-artikoli, iqassru jew jissimplifikaw il-frazeologija u ohrajn. Biss dawn il-Kummissjonijiet kollha kienu espressament prekluzi milli jibdlu xi ligi fil-materja jew fis-sustanza taghha.

Il-Kummissjoni mahtura fl-1936 biex tirrevedi l-ligijiet espletat l-inkariku taghha bl-edizzjoni tal-ligijiet ta' l-1942. F'din l-edizzjoni d-dispozizzjoni msemmija fl-artikolu 95 tal-Leggi Criminali ta' l-1854 giet tradotta u enumerata artikolu 102. F'dan l-artikolu giet introdotta l-frazi "proceduri kriminali" in sostituzzjoni ta' "causa". Il-frazi l-

gdida, “proceduri kriminali” ma jistax ikollha tifsira usa minn dik ta’ “causa”, ghaliex b’hekk il-ligi tigi li tkun qieghda tinbidel fis-sostanza, haga li l-Kummissjoni ma setghetx taghmel. Ghalhekk il-frazi “proceduri kriminali” fl-artikolu 102 tal-Kodici Kriminali ta’ l-1942 ma setghetx tfisser iktar mill-“causa” tal-Leggi Criminali ta’ l-1854, cioe` ma kienetx tikkomprendi l-procedura tal-kumpilazzjoni.

L-artikolu 104 tal-Kodici Kriminali vigenti, Edizzjoni 1984, fih l-istess dispozizzjoni ta’ l-artikoli 95 u 102 hawn fuq citati. Il-frazi “proceduri kriminali” giet ritenuta. Pero` l-anqas il-Kummissjoni nominata fl-1980, biex tlesti din l-edizzjoni vigenti ma kellhga s-setgha li tibdel sostanzjalment il-ligi. Ghalhekk l-espressjoni “proceduri kriminali” fl-artikolu 104 tal-Kapitolu 9 ma jikkomprendix il-kompilazzjoni. (Ara sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali (tliet Imhallfin) tas-7 ta’ Frar 1991 fl-appell “Ir-Repubblika ta’ Malta kontra Dr. Lawrence Pullicino.”

Illi minn ezami tal-provi prodotti jirrizulta li l-imputat kien qed jixhed f’kumpilazzjoni u fost akkuzi ohra fuq dik ta’ hsara volontarja u ghalhekk *in linea* ta’ dak dispost aktar ‘il fuq din l-akkuza ma tistax tirrizulta provata, ghaliex l-allegata xhieda falza, oggett tat-tieni imputazzjoni, giet moghtija minnu f’kumpilazzjoni.

**Ghalhekk il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi, u cioe` 101 u 104 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara li ma ssibx lill-imputat hati u tillibera minn kull akkuza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------